IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 63-2019(20_02_19)**

**20 ta' Frar 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier - daħal fil-laqgħa fis-6.45 ta' filgħaxija.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

63.1.1 Is-Sinjura Juliet Rose Attard bagħtet *sms* u infurmat lill-Kunsill li ma tiflaħx. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

**63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

63.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 61-2019(16_01_19) u 62-2019(14_02_19) – Laqgħa b'urġenza li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.3.1 Is-Sindku tat rendikont tal-laqgħat li kellha.
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-Laqgħa Plenarja li saret fil-15 u 16 ta' Frar 2019 fil-Grand Hotel, Imġarr - Għawdex. Is-Sindku attendiet ukoll għal-laqgħa ma' studenti fl-iskola Primarja Ta' Sannat fejn ipproponew illi s-siġar tax-Xlendi li ser jitħawlu ġodda jingħatalhom l-isem ta' sajjieda li kienu joperaw mix-Xlendi. Saret il-laqgħa tal-lokalità, waħda għall-Munxar u oħra għax-Xlendi, fejn għal dik tal-Munxar ma attenda ħadd.

Is-Sindku ħabbret illi kien beda jaħdem mal-Kunsill ħaddiem ġdid mill-iskema Community Workers Scheme Enterprise Foundation.

Is-Sindku ħabbret ukoll li kienet ħarġet it-*tender:* MXR/006/2018 - *Tender for Resurfacing and Ancillary Works of Triq Munxar, Il-Munxar, Gozo* kif ukoll kienu ġew ippreparati u mqassma diversi *flyers*. Dawn kienu jikkonsistu fi *flyer* dwar il-laqgħa tal-lokalità, *flyer* dwar il-Karnival fil-Munxar 2019, *flyer* dwar it-trasport ipprovdut mill-Kunsill għall-Ministeru għal Għawdex għal-laqgħa rigward il-*Masterplan* għall-Bajja tax-Xlendi, *flyer* dwar it-trasport ipprovdut mill-Kunsill għall-Awtorità tal-Ippjanar f'Malta rigward is-smigħ tal-proposta ta' żvilupp fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi u *flyer* li tqassam lir-residenti kollha ta' Triq Munxar biss (inkluż l-isqaqien) rigward ix-xogħlijiet li huma ppjanati li jsiru f'din it-triq.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl, il-Kunsill għamel attività fejn ħallas l-ispejjeż tal-kantanta.

Is-Sindku elenkat lista ta' xogħlijiet li kienu saru fil-lokalità.
Fix-Xlendi tranġaw il-ħsarat li kien hemm fid-dawl ta' Triq San Xmun kif ukoll inbidel *lamp post* fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun l-għada stess li kien inkiser peress li ġie mibdul ma' wieħed li l-Kunsill kellu fl-i*store*. Fix-Xlendi wkoll, tneħħew id-dgħajjes kollha li kien hemm fil-*boatyard* ħalli jibda l-proġett sabiex jiġi attwat il-*Masterplan*.
Fil-Munxar inbena ċ-ċint li kien imwaqqa' fi Triq Ras il-Bajjada, int u niżel Ix-Xlendi, kif ukoll inqata' l-ħaxix u sar tindif f'Tal-Ponta.

**63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

63.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**63.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

63.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Bank HSBC Bank Malta plc għandu l-kuntratt sabiex jikri l-kamra biex tintuża bħala ATM li għalaq fis-7 ta' Diċembru 2015. Dan il-kuntratt ma setax jiġġedded għaliex id-devoluzzjoni mingħand l-Awtorità tal-Artijiet ma kinetx imġedda għaliex dak iż-żmien l-Awtorità tal-Artijiet ma kienx qed jiffunzjona. Issa jrid jiġġedded il-kuntratt mit-8 ta' Diċembru 2015 sas-7 ta' Diċembru 2018 bl-istess kundizzjonijiet u prezz. Tiġdid tal-kuntratt għas-sena 8 ta' Diċembru 2018 sas-7 ta' Diċembru 2018 ser ikun billi tiżdied 25% fuq il-kera.

63.5.2 Ġie l-Kunsill sid ta' proprjetà fi triq ġdida ta' Triq Ta' Rinota. Huwa qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħti isem lil din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li nikkonsultaw lill-Kanċillier Dun Salv. Debrincat dwar isem għal din it-triq.

63.5.3 Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed tinħass il-ħtieġa li l-Kunsill ikollu *payroll* kompluta hekk kif titlob il-liġi. Bħalissa s-Segretarju Eżekuttiv qed jaħdem il-pagi bi programm li kien bena hu, 25 sena ilu, b'*excel*. Is-Segretarju Eżekuttiv ġab stima mingħand il-J2 Software u din ser tiġi €684.40 għas-*software* u €90.00 għat-*training* u installazzjoni.
Kien hemm qbil dwar dan.

63.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta proposta ta' kuntratt bejn il-Kunsill u l-Wasteserv Malta Ltd. Permezz ta' dan il-kuntratt, il-Wasteserv Malta Ltd ser tirrifondi l-ispejjeż għall-ġbir ta' skart organiku mill-Munxar u Ix-Xlendi ta' kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa. B'dan il-kuntratt qed ikun inkluż ukoll l-ispejjeż tal-*Management Fee*.

63.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni dwar din is-sejħa:

- *Tender Ref: MXR/EU/005/2018 – Tender for the Restoration of Ix-Xlendi Coastal Tower.*

Ġie deċiż li din it-*tender* tingħata lil Trowel Soc Coop. minħabba li kienet l-unika offerta u skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta.
Kien hemm qbil unanimu.

63.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv jixtieq iressaq talba li għamlet il-Viċi Sindku Juliet Rose Attard peress li llum tinsab indisposta u ma hijiex preżenti. Hija qed tissuġġerixxi li Triq ix-Xatba tiġi asfaltata peress li tinsab f'kundizzjoni ħażina. Peress li bħalissa ma hemm l-ebda skema, dan ix-xogħol irid isir mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sur Damien Spiteri ma jaqbilx li din it-triq issir mill-fondi tal-Kunsill. Ġie deċiż li din it-triq issir.

Il-ħin kien is-6.45 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi wasal fil-laqgħa.

**63.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

63.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 2/2019 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2018'.

63.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 3/2019 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Proċedura għall-għażla ta' skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart riċiklat'.

63.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/1/2019 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Direttorat għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva ta' Għajnuna għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2019/2020'.

63.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/2/2019 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Kors – It-Tqassim tal-Ħin u l-Flus għall-Ġid ta' Saħħtek iffinanzjat mill-*PWC* b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika'.

63.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/3/2019 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Direttorat għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Fond għaż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali'.

63.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru DĠ/K/02/2019 mingħand id-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Diviżjoni tal-Gvern Lokali bis-suġġett '*Data Protection Officer* fil-Kunsilli Lokali'.

63.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-*Executive Producer*, IMPEL Communications rigward il-kwiżż waqt il-programm 'Waranofsinhar' fuq TVM. Mehmuż kien hemm l-iskeda bil-lokalitajiet skont il-jum li se jipparteċipaw u kull Kunsill rispettiv intalab jibgħat żewġ ismijiet tal-parteċipanti.

63.6.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni rigward 'Stedina għat-8 Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet, 14 u 15 ta' Marzu 2019 f'Bukarest – ftuħ tar-reġistrazzjonijiet'. Huwa ta aktar informazzjoni dwar dan l-avveniment.

63.6.9 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2019/006 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Sessjonijiet ta' taħriġ għall-*Fire Wardens* u kors Bażiku ta' *First Aid*'. L-Assoċjazzjoni tat aktar tagħrif dwar dawn il-korsijiet inkluż il-prezz, il-post u d-dati tas-sessjonijiet.

63.6.10 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2019/009 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Proposed Charging Pillar Locations', fejn qed titwassal *e-mail* mingħand Transport Malta rigward iċ-*charging pillars*. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jissottometti r-rimarki tiegħu.

63.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-proġett tal-ġbir tal-iskart organiku fuq skala nazzjonali. L-Assoċjazzjoni tħoss li wasal iż-żmien li naraw il-progress li rreġistrajna u fejn hemm lok ta' titjib biex inkomplu nimxu 'l quddiem u għaldaqstant il-Kunsill ġie mistieden għal-laqgħa individwali fit-8 ta' Marzu 2019 fil-Kunsill Lokali Għajnsielem, Għawdex.

63.6.12 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-81 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tas-27 ta' Frar 2019, il-Minuti tal-Laqgħat Numri 79/2018 u 80/2019 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

63.6.13 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali d-dokument 'Rapport ta' Ħidma - Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - Sena 2018', il-Minuti tal-Laqgħa Plenarja Straordinarja - Ottubru 2018 u d-*draft* Aġenda għal-laqgħa li jmiss tal-15 u 16 ta' Frar 2019.

63.6.14 Il-Kunsill irċieva stedina u Aġenda preliminarja mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) għall-Konferenza 'Avvanz fil-Karriera: Opportunitajiet Ugwali?', fis-6 ta' Marzu 2019 fil-Waterfront Hotel – Sliema sabiex jiġi ċċelebrat il-Jum Internazzjonali tal-Mara 2019.

63.6.15 Il-Kunsill irċieva stedina u l-programm mingħand il-Gozo College Sannat Primary & Special Unit għall-Open/Celebration Day, fis-26 ta' Frar 2019.

63.6.16 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* ta' sid ta' proprjetà li tmiss ma' Ġnien Ragalna li bagħat lis-Sindku. Huwa qed jitlob sabiex jagħmel taraġ li jmiss mal-proprjetà tiegħu għaliex l-is*tencil pavement* tal-isqaq qed ikun jiżloq.
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li xi xhur ilu l-istess persuna kienet talbet li ssir bankina tul il-faċċata, liema faċċata tinsab fi sqaq. Dak iż-żmien il-Perit John Saliba kien ta parir li fi sqaqien ma jsirux bankini u sid il-proprjetà ġie infurmat dwar dan. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob direzzjoni dwar din il-materja mingħand il-perit tal-Kunsill, il-Perit Robert Grech. Kien hemm qbil dwar dan.

63.6.17 Il-Kunsill irċieva talba sabiex isiru tabelli fi Triq ir-Rabat qrib Triq il-Ġostra u t-traffiku ma jitħalliex jgħaddi, is-sena kollha bejn il-11 ta' filgħodu u l-4 ta' filgħaxija u bejn is-6 ta' filgħaxija u l-4 ta' filgħodu. Kien hemm qbil dwar din it-talba u ser tiġi rreferuta lil Transport Malta.

63.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Faces Consultants Ltd fejn elenkaw il-*bus stops* li għandna fil-lokalità u jekk hemmx il-possibilità li jsiru *bus shelters*. Wara li ġie kkunsidrat il-post ta' kull *bus stop*, irriżulta li waħda biss hemm lok li ssir *bus shelter*, dik li hija quddiem Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Fil-fatt il-Kunsill ilu s-snin jitlob għal din il-*bus shelter*.

63.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* bi proposta mingħand *Coach* fil-*Health & Fitness* sabiex isiru klassijiet ta' *fitness*. Il-Kunsill ħa nota ta' dan. Klassijiet bħal dawn qed isiru waqt il-programm Anzjanità Attiva li jsir fiċ-Ċentru Parrokkjali.

63.6.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* bir-ritratti dwar għadira ilma li qed iżżomm fi Triq il-Biżantini, Ix-Xlendi. Dan qed jikkaġunalu li jidħol l-ilma fil-proprjetà tiegħu. Ġie deċiż li meta jiġi l-perit Għawdex, ngħidulu jagħmel *site inspection* u jgħidilna x'hemm bżonn li jsir.

63.6.21 Il-Kunsill irċieva kopja tar-risposta tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar appell numru 00480/18 dwar applikazzjoni PA/02406/18 fi Triq Żgħawri, Il-Munxar. Din ir-risposta ġiet irreferuta lill-Avukat Dr Ian Stafrace.

63.6.22 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' *garage* fi Triq San Pawl, Il-Munxar sabiex isiru *double yellow lines* ma' kull naħa tal-*garage*. Kien hemm qbil dwar dan.

63.6.23 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' proprjetà fi Triq il-Kavallieri sabiex jiġi provdut b'kurduna tal-bankina. Din it-talba ser issir lis-CMU.

63.6.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna mix-Xlendi fejn qed tissuġġerixxi li bħalma hemm *bus* li tinżel minn Triq il-Qsajjem għal Pjazza l-Anfori, għandu jkun hemm rotta oħra li titla' minn Pjazza l-Anfori għal Triq il-Qsajjem. Il-Kunsill ħa nota ta' dan is-suġġeriment.

63.6.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Red Orange Image Consultants Ltd fejn qed jitolbu permess sabiex jorganizzaw attività ta' kant fix-Xlendi fis-17 t'Awwissu 2019. Il-Kunsill ma aċċettax peress li din id-data qed tkun riservata għall-attività tal-Kunsill.

63.6.26 Il-Kunsill bagħat *flyer* f'kull dar Il-Munxar u Ix-Xlendi dwar trasport li ser jorganizza fil-5 ta' Marzu 2019 għall-Awtorità tal-Ippjanar fejn ser ikun hemm is-smigħ tal-Applikazzjoni PC/00112/18 – *To include land within development zone, to establish the planning parameters for the site, namely road alignment and levels and proposed access roads from Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi.*

63.6.27 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-LESA fejn qed isaqsu jekk il-Kunsill qattx talab li jsiru *speed cameras* fil-lokalità. Jekk saret xi talba jew hemm il-ħsieb li ssir xi talba għal *speed cameras*, il-Kunsill hu mitlub li jinforma lil-LESA. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

63.6.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand rappreżentant tal-Gozo Alive. Għal sena oħra l-Ministeru għal Għawdex qed jippjana avveniment kulturali bit-titlu ta' Gozo Alive fi tmiem il-Ġimgħa, bejn il-Ġimgħa 3 u l-Ħadd 5 ta' Mejju 2019. Qed jistiednu lill-Kunsill Lokali biex jipproponi mill-inqas avveniment wieħed li jista' jiġi inkluż fil-programm. Il-proposti kollha se jiġu evalwati mill-kumitat u dawk kollha li jkollhom ċertu preġju ser jintgħażlu. Jista' jagħti l-każ li ċertu proposti minflok isiru fir-raħal jiġu avviċinati mill-Kumitat biex dawn isiru ġewwa Ir-Rabat, is-Sibt filgħaxija. L-avvenimenti ser jiġu magħżula bil-mira li nippromwovu s-snajja u l-postijiet b'metodi kulturali. Ser jiġu kkuntattjati l-Għaqdiet tal-lokalità dwar il-possibilità li ssir attività ma' xulxin.

63.6.29 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-ERA. Huma qed jistiednu lill-rappreżentanti tal-Kunsill, sa massimu ta' 3, li jistgħu jinkludu persuni li jaħdmu fuq is-siġar għal-laqgħa informattiva fuq ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar 2018 u l-proċedura tal-permessi. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jattendi.

63.6.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin. Qed issir stedina lill-Kunsill sabiex fil-ġimgħat tal-Festa ta' San Pawl il-Kunsill jorganizza xi attivitajiet tal-massa. Ġie deċiż li ssir laqgħa sabiex jiġi diskuss programm aktar fid-dettall.

**63.7 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

63.7.1 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) rigward 'Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali'. Il-Kunsill ġie infurmat li peress li l-estenzjoni tal-ħatra ta' 90 jum kienet b'effett mill-21 ta' Novembru 2018, u l-perjodu ta' 90 jum dalwaqt jiskadi, id-Dipartiment ser jerġa' jitlob l-approvazzjoni tal-Ministru biex tiġġedded din in-nominata ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsill ġie mitlub jinforma lid-Dipartiment jekk kienx hemm tibdil fil-persuna nominata.
Is-Segretarju Eżekuttiv qed jinnomina lis-Sa Kimberly Spiteri, li qiegħda fil-lista tal-*pooling* u qed taqdi d-doveri ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali fil-Kunsill Lokali Il-Munxar stess.
Kien hemm qbil unanimu li s-Sa Kimberly Spiteri tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**63.8 L-Estimi Annwali 2019**

63.8.1 Fl-aħħar laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv kien ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2019. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2019 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi se tkun ta' €279,147.00. Dan ifisser li ser ikun hemm żieda ta' €11,917.00 mill-allokazzjoni tas-sena 2018. Il-Kunsill approva dawn l-estimi. Wara dawn l-estimi ġew ippreżentati fil-laqgħa tal-lokalità li saret fit-28 ta' Jannar 2019.

**63.9 Impjieg ta' skrivan/a full-time**

63.9.1 Il-Kunsill għamel intervista fit-28 ta' Jannar 2019 lil dik l-applikanta li applikat fis-sejħa interna għal skrivan/a *full-time* skala 15. Ir-riżultat kien ta' 47 minn 100. Issa l-Kunsill ser jibgħat dan ir-riżultat lill-applikanta.
Il-pass li jmiss huwa illi l-Kunsill jitlob il-lista ta' dawk il-persuni li għandhom il-kwalifiki li huma rikjesti għal din il-pożizzjoni u li qed ifittxu impjieg fuq parti 1 mingħand il-jobsplus.

**63.10 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2019**

63.10.1 Il-laqgħa tal-lokalità għar-residenti tal-Munxar saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar 2019. Għal din il-laqgħa ma attendewx residenti.

63.10.2 Il-laqgħa tal-lokalità għar-residenti tar-raħal żgħir tax-Xlendi saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar 2019 fis-6:30 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sindku Sonja Abela, il-Viċi Sindku Juliet Rose Attard u l-Kunsilliera Damien Spiteri, Paul Curmi u Joseph Cauchi. Residenti kien hemm madwar 25 persuna. Is-Sur Mark Busuttil - *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi kien skużat minħabba li kien imsiefer.
Is-Sindku tat rendikont tax-xogħlijiet ta' manutenzjoni u attivitajiet li saru fix-Xlendi matul l-aħħar sena. Dawk preżenti qajmu dawn il-punti:

- Aktar informazzjoni dwar il-*Masterplan* tax-Xlendi u xtaqu konsultazzjoni mar-residenti tax-Xlendi;
- Aktar informazzjoni dwar ir-restawr tat-Torri tax-Xlendi;
- Ilment li s-siġar ta' Pjazza l-Anfori ser jinqalgħu;
- Aktar dawl fil-*parking* tax-Xlendi;
- Nuqqas ta' aċċess fil-passaġġi minħabba mwejjed, siġġijiet u tinet;
- Triq il-Kantra qed tinkines sew iżda mhux l-istess lil toroq oħra fin-naħa ta' fuq tax-Xlendi;
- Il-Kunsill intalab jerġa' jiċċekkja dwar triq li qiegħda bejn Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallieri għaliex din għad ma hijiex asfaltata;
- Talba sabiex issir *noticeboard* fix-Xlendi;
- Sar ilment li f'Tower Court ma ntefgħux *organic waste bags*;
- Sar kumpliment lill-kuntrattur li qed jieħu ħsieb il-*pots* tas-siġar u fjuri li hemm fi Triq il-Kantra;
- Ħafna residenti preżenti lmentaw dwar il-proposta ta' żvilupp PC/00112/18 - *To include land within development zone, to establish the planning parameters for the site, namely road alignment and levels and proposed access roads from Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi.* Huma talbu sabiex il-Kunsill joġġezzjona dwar dan l-iżvilupp. Il-Kunsill kien ser jiddiskuti dan fil-laqgħa li jmiss.

**63.11 Karnival fil-Munxar 2019**

63.11.1 Din is-sena l-Karnival fil-Munxar ser isir l-Erbgħa, 27 ta' Frar 2019 fil-5:30 ta' filgħaxija fil-Pjazza tal-Knisja. Din is-serata ser tkun ippreżentata mis-Sur Alvin Scicluna u ser ikun hemm danza tat-tfal mill-grupp TeamNETTAkids ta' Annette Portelli Said, danza mill-Iskola Bishop's Conservatory Junior School ta' Maria Galea, danza tal-kbar mill-grupp TeamNETTA ta' Annette Portelli Said, danza mis-Soċjetà Filarmonika Leone ta' Michael J Cordina, danza mill-Astra Power Boys ta' George Vella, danza mill-Għaqda tal-Munxar Youth Centre ta' Glenn Curmi, danza mis-Sezzjoni Żgħażagħ Soċjetà Filarmonika Santa Marija – Iż-Żebbuġ Għawdex ta' Analise Cini, danza minn 3Rio Carnival Dance Company ta' Christian Sacco, karru mil-Labonski Dance Company ta' Jean Grima, danza minn Brukafen Carnival Troupe ta' VickyAnn Xuereb u maskaruni grotteski mill-Għaqda tal-Munxar Youth Centre ta' Glenn Curmi. Il-prezz totali għall-preżentatur, xiri ta' kostum lill-preżentatur, danez, karru u maskaruni grotteski ser ikun ta' €2,970.00. Is-*sound* ser ikun ipprovdut minn Prostage Sound għall-prezz ta' €365.80 u d-dawl u kiri ta' *generator* ser ikunu pprovduti minn Micho Lighting għall-prezz ta' €350.00. Ser jintalab servizz ta' tliet *security guards* sabiex jikkontrollaw it-traffiku u jieħdu ħsieb in-nies jaqsmu l-*main road* għal waqt is-serata għall-prezz ta' €96.54.

**63.12 Fondi tal-EU għal restawr tat-Torri tax-Xlendi (ERDF.PA5.0120)**

63.12.1 Kif kien miftiehem fl-aħħar laqgħa l-perit ipprepara lista riveduta ta' stimi ta' xogħlijiet tal-proġett kollu u ntbagħtet lill-PPCD u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni. Kien hemm approvazzjoni u għaldaqstant f'din il-laqgħa l-Kunsill ser jintalab l-approvazzjoni tal-*adjudication report* sabiex wara li jgħaddi ż-żmien li tista' ssir oġġezzjoni, il-kuntrattur jippreżenta l-garanzija u jiġi ffirmat il-kuntratt u b'hekk ikun jista' jinbeda x-xogħol.

**63.13 Proposta ta' ġemellaġġ**

63.13.1 Is-Sindku għaddejja bil-kuntatti tagħha sabiex isir ġemellaġġ ma' Caltagirone fi Sqallija. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għaċ-*Checklist* li bagħat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, rigward il-proċedura fejn irid isir rapport, li jinkludi:

a) l-għanijiet tal-ġemellaġġ propost;
b) il-Kunsill irid jindika x'hemm komuni (jekk hemm) bejn iż-żewġ lokalitajiet;
c) stima tal-ispejjeż għall-visita proposta (ma taqbeżx €3,500 jew 0.5% tal-fondi allokati);
d) l-isem tal-Kunsillier responsabbli mill-ġemellaġġ;
e) dikjarazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv li r-rapport ġie diskuss u approvat mill-Kunsill (kopja tal-Minuti tal-Kunsill fejn hemm li l-proposta tal-ġemellaġġ ġiet approvata u ser tiġi sottomessa);
f) *Twinning Work Plan* fejn juri r-riżultati u l-benefiċċji li ser joħorġu mill-ġemellaġġ u l-ispejjeż relatati mal-ġemellaġġ, liema spejjeż ma jistgħux jaqbżu €3,500 (jew 5% tal-fondi allokati), skont liema hija l-aktar;
g) dikjarazzjoni ta' spejjeż li ntefqu fis-sena kurrenti b'relazzjoni mal-ġemellaġġ/*co-operation agreements*.

Is-Sindku semmiet il-bżonn li ssir żjara f'Caltagirone għaliex diġà hemm stedina mis-Sindku. Hija stiednet lill-Kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jattendu. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Juliet Rose Attard uriet l-interess li tattendi mill-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv ma jistax peress li bħalissa qed isir l-*audit* u qiegħed *Project Leader* fir-restawr tat-Torri tax-Xlendi b'fondi tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill ser iħallas il-biljetti tal-ajru u trasport lokali.

**63.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

63.14.1 Ma kienx hemm rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għaliex ma saret l-ebda laqgħa.

**63.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

63.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 63-2019(20_02_19) li tkopri l-perjodu mis-17 ta' Jannar 2019 sal-20 ta' Frar 2019 għall-ammont totali ta' €27,516.83 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

### 63.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

63.16.1 Il-laqgħa aġġornat fit-8:02 ta’ filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa’ jiltaqa’ nhar l-Erbgħa, 27 ta’ Marzu 2019 fis-6.30 ta’ filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 64-2019(27_03_19) li nżammet nhar l-Erbgħa, 27 ta’ Marzu 2019.

**IFFIRMATA**

Sonja Abela
Sindku